# Il-Fratellanza 350 sena

## Vatikan 24 ta' Awwissu 2013



minn

## Patri Ġorġ Attard OFM Conv.

Kienet is-sena 1663, fid-29 ta' Jannar meta l-Gwardjan ta' dak iż-żmien laqa' il-Professjoni tal-ewwel Fratelli tal-Fratellanza. Għaddew 350 sena, u waqt li nifraħ magħkom u magħhom xtaqt nikteb dawn il-kelmtejn biex waqt li nfaħħar il-Fratellanza ninkuraġġixxi lil Fratelli jieħduha aktar bis-serjetà.

Din is-sena jien ġejt trasferit għall-Belt Eterna (aktar milli Ruma, l-Vatikan) u *weekend* minnhom il-Papa Franġisku laqa' fostna l-Fratellanzi tad-dinja kollha, sintendi rappreżentanza. U l-Ħadd il-Papa għamel quddiesa fil-pjazza ta' quddiem il-Knisja. Tgħidx kemm kienu sbieħ ilkoll libsin il-kostum kulurit u divers tagħhom. Avolja ma kinux mixjin proċessjonalment, xorta kienu sbieħ u żejnu l-ambjent b'qawsalla li tgħaġġbek.

Fid-diskors tiegħu l-Papa propju għamel referenza għal dan il-fatt, u qal li l-Knisja ma għandhiex konfini, u l-għan tagħha hu li tinfirex u tilħaq il-bnedmin kollha. Fil-Knisja hemm ħafna kuluri, hemm ħafna kulturi, hemm ħafna skopijiet, u kulħadd jaf il-ħtiega tal-ambjent li jgħix fih. Hekk ukoll il-Papa għamel appell biex kif sa minn żmien ilu l-Fratellanzi ħadmu biex jaġevolaw lil min hu inqas ixxurtjat minnhom jew lil min ma setgħax ilaħħaq mal-progress tas-soċjetà, hekk ukoll illum imorru jfittxu lil min hu emarġinat fis-soċjetà.

Hawnhekk xtaqt nagħmel żewġ osservazzjonijiet, minn Malta kien hemm xi Fratellanzi, imma minn Għawdex ħadd. Wieħed mill-Fratelli Maltin tela' jaqra Talba tal-Fidili bil-Malti, u wara l-Papa ltaqa' mal-Leaders ta' kull Fratellanza preżenti. Niftakar li xi darba Mons Alfred Xuereb kien semmieli li kien għamel diversi stediniet fis-snin ta' qabel imma ma tantx sab risposta ħlief minn xi Fratellanza jew tnejn.





Il-Kaxxetta tal-Fratellanza

irid ifittex jista' jaqta' qalbu għax teħodlu ħafna żmien. Niftakar lil hu l-Provinċjal Fr Joe Calleja li kiteb l-istorja tal-Arċikonfraternita tal-Belt Valletta. Dan kien qalli li għalih kien faċli għax kellu d-dokumenti tal-Fratellanza miġbura mill-istess Fratellanza. Il-Fratellanza tagħna forsi trid iktar xogħol għax id-dokumenti ta' dawn it-350 sena huma mxerrda. Tal-aħħar bla dubju jinsabu fil-Kunvent, ta' qabel jinstabu jew il-Kurja jew fil-Knisja Katidrali, u jista jkun li hemm xi ħaġa fl-arkivju Provinċjali jew fil-Kurja tal-Arċisqof ta' Malta.

Kull organizzazzjoni jeħtieġ li tkun organizzata. Meta nħarsu lejn dak li għamlu ta' qabilna nindunaw kemm kienu organizzati. Il-fatt li kienu jieħdu

It-tieni osservazzjoni li xtaqt nagħmel hi li l-Fratellanza tagħna jeħtieġ, kif qrajna drabi oħra, fosthom fl-intervista ta' Manwel Mizzi ma' Ġanni Cauchi, tagħmel eżami ta' kuxjenza u tara fhiex tista' tagħti daqqa t'id fis-soċjetà tal-lum. Veru s-soċjetà inbidlet minn meta l-Fratellanza kienet tagħti d-dota għaż-żwieġ ta' xi xebba. Illum fqar f'xi għamla għadek issib. Jekk mhux tant fil-qrib jista' jkun fil-bogħod. Fil-każ anke mill-ġbir għall-festa jew issir ġabra speċjali (dan tarah il-Fratellanza) biex tkun tista tgħix, forsi anke xi istitut jew missjoni. Il-Provinċja tagħna se tiftaħ Missjoni ġdida fl-Indja ta' fuq. Kieku kull sena l-Fratellanza toffri somma mill-ġbir tagħha... Imma biex tagħmel dan trid tiffunzjona tajjeb, mhux teżisti biex nilbsu l-konfratija biss u nagħmlu *show* fil-purċissjonijiet.



Xtaqt inżid suġġeriment ieħor; jiġifieri li l-Fratellanza tiġbor id-dokumenti tagħha, għax għad li bħalissa qed issir ħafna attività biex titkabbar il-Festa, qed jintesew ħwejjeġ oħra aktarx aktar importanti. L-istorja tal-Fratellanza għadha trid tinkiteb. L-istorja tinkiteb fuq id-dokumenti li wieħed isib. Jekk ikunu miġbura wieħed ikun jista' jiktibha bil-libertà. Imma meta wieħed ikun

ħsieb l-ispejjeż tal-festa, kien jeżisti l-korp tat-tmexxija, jieħdu diversi inizjattivi biex jarmaw il-Knisja u saħansitra jwaqqfu l-banda "La Stella" li jisimha "La Stella" għall-Immakulata Kunċizzjoni. Iżda ejjew ma nħallux il-ħsieb jiġri bina. Patri Alessandro Bonnici jsemmi li fl-1652 kienet diġa ssir purċissjoni bi statwa tal-Madonna fl-injam. Fl-1652 il-fratellanza kien għadha ma teżistix. Bdiet teżisti 11-il sena wara. Mela kienu l-Patrijiet li kienu qed jippromwovu din il-festa tal-Madonna f'ġieħ is-safa u l-purità tagħha. Mhux ta' b'xejn li l-patrijiet tagħna mhux l-ewwel darba li laqqtuha fuq rashom. Imma għall-glorja t'Alla l-Patrijiet kienu dejjem lesti li jagħmlu kollox. Hekk waslu biex l-Immakulat Konċepiment tal-Madonna jgħaddi għand il-Fratellanza u fl-aħħar il-Knisja fl-1854 tiddikjaraha Domma tal-Fidi għad-dinja kollha.

Viva Marija Immakulata. Viva l-Kunċizzjoni. Viva l-Fratellanza tagħna.





Ventartal fuq il-ġild għall-artal tal-Kunċizzjoni b'tifkira tat-350 sena tal-Fratellanza maħdum minn Manwel Farrugia